MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Numru 618/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARTHESE MICALLEF**

**VS**

**HERBERT MICALLEF**
**CHRISTIAN FARRUGIA**
**MARIO MUSCAT**
**MAURO VASSALLO**
**ERIC GRIXTI**
**LEANDRO CASSAR**
**JUSTIN GRIMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Herbert Micallef ta’ 20 sena, iben Joseph u Maria nee’ Agius, imwieled il-Pieta’ fis-26 ta’ Marsu 1984 u li joqghod 14,

San Pawl tal-Pitkali, Dingli, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 176584M;

Kontra Christian Farrugia ta’ 21 sena, iben Paul u Josephine nee’ Muscat, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Gunju 1983 u li joqghod Jonatian, Sqaq numru 3, Triq il-Kbira, Dingli, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 293183 M;

Kontra Mario Muscat, ta’ 20 sena, iben Vinvent u Josephine nee’ Sant imwieled il-Pieta’ fl-14 ta’ Mejju 1984 u li joqghod St. Mary, 13B, Misrah French Abela, Dingli, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 252584M;

Kontra Mauro Vassallo ta’ 19-il sena, iben Carmelo u Louise nee’ Abela, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Awissu 1984 u li joqghod 35, In-Nieqa, Triq il-Kbira, Dingli, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 415984 M;

Kontra Eric Grixti, ta’ 2o sena, iben Joseph u Mary Anne nee’ Fabri, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Jannar 1984, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 86884 M u resiedenti 16 F, Buskett Road, Dingli;

Kontra Leandro Cassar, ta’ 19 il-sena, iben George u Ersilia nee’ Abela, imwieled il-Pieta’ fl-4 ta’ Gunju 1985 u li joqghod My Nest, Buskett Road, Dingli, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 316785 M;

U kontra Justin Grima, ta’ 19-il-sena, iben John u Paulina nee’ Borg, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Novembru 1984 u li joqghod 257, Triq Francesco Zammit, Dingli, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 575384 M;

Talli, lil Herbert Micallef, Christian Farrugia, Mario Muscat, Mauro Vassallo u Eric Grixti, fil-5 ta' Lulju 2001 kif ukoll fix-xhur ta' qabel, gewwa Had Dingli, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b''izoluzzjoni wahda, volontarjament hassru, jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500), ghad-detriment ta' Alfred Galea u Giovanni Farrugia.

Lil Leandro Cassar, Christian Farrugia, Mario Muscat, Mauro Vassallo u Eric Grixti, talli fil-5 ta' Lulju 2001 kif ukoll fix-xhur ta' qabel, gewwa Had Dingli, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira maltin (Lm500) ghad-detriment ta' Edgard Camilleri;

Lil Leandro Cassar u Justin Grima, talli fid-9 tal-Lulju 2001 kif ukoll fix-xhur ta' qabel, gewwa Had Dingli, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassru jew ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' kissru l-lampi tat-toroq, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin (Lm50) ghad-detriment tal-gvern ta' Malta.

Wara illi rat l-artikoli 325 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti qeghda ssib lill-imputati kollha, hlief ghal Christian Farrugia, hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-Piena, din il-Qorti, qeghda tillibera lil Leandro Cassar u Justin Grima bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettux reat iehor fiz-zmien tlett (3) xhur mil-lum, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghar-rigward ta’ l-imputati Herbert Micallef, Mario Muscat, Mauro Vassallo u Eric Grixti, din il-Qorti qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettux reat iehor fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fir-rigward ta’ l-imputat Christian Farrugia, din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda ta’ Mauro Vassallo, wiehed mill-imputati, ma tistax issib lil dan l-imputat hati u ghaldaqstant, qeghda tilliberah minn kull akkuza.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------